

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

P8_TA(2016)0082

Il-Ftehim dwar it-tabakk (il-Ftehim PMI)**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-Ftehim dwar it-tabakk (il-Ftehim PMI) (2016/2555(RSP))**

(2018/C 050/04)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Ftehim Kontra l-Kunrabandu u Kontra l-Falsifikazzjoni u r-Rinunzja Ġeneralu tad-9 ta' Lulju 2004 bejn Philip Morris International (PMI) u kumpaniji affiljati, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha,
 - wara li kkunsidra d-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-approssimazzjoni tal-liggi, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li jħassar id-Direttiva 2001/37/KE (¹),
 - wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (id-“WHO FCTC”) u l-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk, adottat matul il-ħames sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għad-WHO FCTC bid-Deċiżjoni FCTC/COP5(1) tat-12 ta' Novembru 2012,
 - wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-4 ta' Mejju 2015 għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropaea, tal-Protokoll biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk fil-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk, meta jkunu kkonċernati d-dispożizzjonijiet tal-Protokoll li jaqgħu taħt it-Titolu V tal-Parti III tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropaea (COM(2015)0193),
 - wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-24 ta' Frar 2016 intitolat “Technical assessment of the experience made with the Anti-Contraband and Anti-Counterfeit Agreement and General Release of 9 July 2004 among Philip Morris International and affiliates, the Union and its Member States” (“Valutazzjoni teknika dwar l-esperjenza tal-Ftehim Kontra l-Kunrabandu u Kontra l-Falsifikazzjoni u r-Rinunzja Ġeneralu tad-9 ta' Lulju 2004 bejn Philip Morris International u kumpaniji affiljati, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha”) (SWD(2016)0044),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ottubru 2007 dwar l-implikazzjonijiet tal-ftehim bejn il-Komunità Stati Membri u l-kumpanija Philip Morris dwar l-intensifikazzjoni tal-ġlieda kontra l-frodi u l-kunrabandu tas-sigaretti u dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat ta' Inkjesta tal-Parlament dwar is-Sistema tat-Tranżitu Komunitarju (²),
 - wara li kkunsidra l-mistoqsija lill-Kummissjoni dwar il-Ftehim dwar it-tabakk (il-Ftehim PMI) (O-000010/2016 — B8-0109/2016),
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 128(5) u 123(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE hija waħda mill-prioritajiet ewlenin tal-Kummissjoni, u billi l-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk, b'mod partikolari l-kunrabandu u l-falsifikazzjoni ta' sigaretti lill-baġits nazzjonali u tal-UE jiġi jqumilhom aktar minn EUR 10 biljun, bħala stima konservattiva, fi dħul pubbliku mitluf kull sena;
 - B. billi l-kummerċ illeċitu huwa delitt serju li jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' attivitajiet oħra tal-kriminalità organizzata internazzjonali, fosthom it-traffikar ta' bnedmin, drogi u armi, u, f'xi każijiet, għall-finanzjament ta' grupp terroriści;
 - C. billi l-għan ewljeni tal-Ftehim PMI hu li jnaqqas il-prevalenza tal-kunrabandu ta' prodotti PMI fis-suq illeċitu tat-tabakk tal-UE;

⁽¹⁾ ĠU L 127, 29.4.2014, p. 1.⁽²⁾ ĠU C 227 E, 4.9.2008, p. 147.

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

- D. billi l-Ftehim PMI se jiskadi fid-9 ta' Lulju 2016;
- E. billi l-valutazzjoni teknika tal-Kummissjoni dwar il-Ftehim PMI jikkonkludi li dan l-objettiv ewljeni ntlaħaq b'mod effikaċi, imma jikkontesta l-kawżalitāt ta' dan ir-riżultat u jirrimarka li t-tnaqqis tal-kuntrabandu ta' prodotti PMI ma wassalx għal tnaqqis kumplessiv tal-prodotti illeċi fis-suq tal-UE;
- F. billi l-Ftehim PMI pprovda beneficijji finanzjarji lill-introjtu pubbliku li jammontaw għal madwar USD 1 biljun f'pagamenti annwali u EUR 68,2 miljun f'pagamenti ta' sekwestri, maqsuma bejn il-Kummissjoni (madwar 10%) u l-Istati Membri (madwar 90%); billi ma hemm l-ebda data dwar kif l-Istati Membri nefqu l-introjtu li rċevew taħt il-Ftehim,
- G. billi seħħew bidliet sinifikanti sew fil-qafas ġuridiku u sew fl-ambjent tas-suq tal-kummerċ illeċitu tat-tabakk minn meta kien ġie ffirmat il-Ftehim, b'mod partikolari rigward iż-żieda fil-preżenza ta' sigaretti bla marka, spiss magħrufa bħala "cheap whites", u l-iżvilupp tas-settur il-ġdid tal-bejgħ tan-nikotina likwidha għas-sigaretti elettroniċi;
- H. billi l-Każijiet C-358/14 *il-Polonja v il-Parlament u l-Kunsill*, C-477/14 *Pillbox 38 (UK) Limited*, u C-547/14 *Philip Morris Brands SARL u Oħrajn*, li jikkontestaw id-Direttiva 2014/40/UE, bħalissa jinsabu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u għandhom jiġu rtirati mill-manifatturi tat-tabakk konċernati mal-ewwel opportunità;
- I. billi l-Kummissjoni impenjet ruħha favur ir-ratifica tal-Protokoll tad-WHO FCTC biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk, li huwa pass importanti lejn it-tishħiħ tal-qafas ġuridiku għall-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tal-prodotti tat-tabakk; billi l-Kummissjoni impenjet ruħha li tistieden lil pajjiżi terzi jirratifikaw il-Protokoll;
- J. billi l-kuntrabandu tat-tabakk jimmina l-politiki tas-saħħa pubblika tal-UE u jfisser li l-prodotti illeċitu tat-tabakk huma disponibbi – anke għaż-żgħażagħ – bi skont illegali sostanzjali f'ħafna postijiet; billi s-sigaretti ffalsifikati mhux biss jiġu manifatturati u importati illegalment, iż-żda fihom ingredjenti mhux magħrufa, u b'hekk jikkostitwixxu riskju serju għas-saħħa;
1. Jilqa' l-Protokoll tad-WHO FCTC biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk, u jappella biex il-proċess ta' ratifikazzjoni jiġi kkompletat mill-aktar fis;
 2. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni li tirratifikasi l-Protokoll, u l-impenn tagħha li tistieden lill-Istati Membri u lil pajjiżi terzi jirratifikaw; jieħu nota li 15-il pajjiżi irratifikaw il-Protokoll sal-lum, fosthom ħames Stati Membri tal-UE, u li l-UE bħalissa qed tħejji biex tirratifikah;
 3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni taħdem biex il-Protokoll jiġi rratifikat bla dewmien; jemmen, madankollu, li t-tiġidid tal-Ftehim ikollu l-effett li jibgħat messaġġ ħażin u kontraproduċenti lejn pajjiżi terzi li l-UE tinvvoli ruħha f'interazzjonijiet mhux xierqa mal-industria tat-tabakk, minkejja li l-Protokoll jiprojbx xi dawn l-interazzjonijiet b'mod ċar;
 4. Jesprimi t-twemmin tiegħu li l-Ftehim PMI jista' ma jkunx kompatibbi mal-obbligli tal-UE skont l-Artikolu 5(5.3) tad-WHO FCTC, b'mod li jista' jikkawża dannu għar-reputazzjoni tal-UE bħala mexxejja globali f'dak li jirrigwarda l-kontroll tat-tabakk;
 5. Jirrimarka li l-Linji gwida għall-implementazzjoni tal-Artikolu 5.3 tad-WHO FCTC jistqarru li "hemm kunflitt fundamentali u irrikonċiljabbli bejn l-interessi tal-industria tat-tabakk u dawk tal-politika tas-saħħa pubblika";
 6. Jilqa' l-adozzjoni tad-Direttiva 2014/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-apprōssimazzjoni tal-liġgħi, ir-regolamenti u d-dispożizzjoni amministrattivi tal-Istati Membri rigward il-manifattura, il-preżentazzjoni u l-bejgħ tat-tabakk u prodotti relatati u li tħassar id-Direttiva 2001/37/KE (id-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk); jenfasizza li d-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk digħi tipprevedi rekwiżit ġuridiku li l-kumpaniji tat-tabakk jintrodu u jżommu sistema ta' traċċar u rintraċċar li trid tkun operattiva għas-sigaretti u għall-prodotti tat-tabakk tal-brim mill-20 ta' Mejju 2019, u għal prodotti oħra tat-tabakk mill-20 ta' Mejju 2024;

L-Erbgħa 9 ta' Marzu 2016

7. Jenfasizza li l-Kummissjoni jeħtiġilha tieħu passi immedjati biex tiżgura t-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk fl-Istati Membri kollha; jieħu nota li diversi Stati Membri indikaw lill-Kummissjoni b'mod informali li l-proċess ta' traspożizzjoni tad-Direttiva ġie kkompletat; jitlob li l-Kummissjoni tiprovvdi informazzjoni sħiħa dwar l-istat attwali tat-traspożizzjoni wara l-iskadenza tal-20 ta' Mejju 2016;

8. Ifakk li, f'Mejju 2015, il-Kummissjoni wiegħdet li tagħti l-valutazzjoni tagħha tal-ftehim ma' PMI mill-aktar fis-possibbli; jenfasizza li l-Kummissjoni pposponiet il-pubblikazzjoni tal-valutazzjoni diversi drabi u li din fl-aħħar ġiet ippubblikata fl-24 ta' Frar 2016, ġurnata qabel ma l-Parlament kellu jagħmel dibattit dwar il-kwistjoni fil-plenarja; jemmen sod li pubblikazzjoni hekk tard tikkostitwixxi nuqqas serju min-naħa tal-Kummissjoni milli taqdi l-obbligli tagħha ta' trasparenza, fil-konfront kemm tal-Parlament kif ukoll taċ-ċittadini, u b'hekk jimmina l-kapaċità tal-Parlament li jesprimi feħmtu fwaqtha dwar din il-kwistjoni kumplessa u delikata;

9. Jieħu nota tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni li l-Ftehim PMI laħaq b'mod effikaċi l-objettiv tiegħu li jnaqqas il-prevalenza tal-kuntrabandu PMI fis-suq tat-tabakk illeċitu tal-UE, kif muri mill-fatt li l-volum ta' sigaretti PMI ġenwini sekwestrati mill-Istati Membri naqas b'madwar 85 % bejn l-2006 u l-2014; jieħu nota, madankollu, li l-Kummissjoni tikkontesta l-kawżjalità ta' dan ir-riżultat, u tenfasizza wkoll il-fatt li t-tnaqqis tal-kuntrabandu ta' prodotti PMI ma wassalx għal tnaqqis kumplessiv ta' prodotti illeċċi fis-suq tal-UE; jieħu nota li l-kuntrabandu li kien jikkonsisti fi prodotti mill-manifatturi l-kbar ġie progressivament sostitwit minn prodotti oħra, fosthom sigaretti bla marka ("cheap whites") tipikamente manifatturati fpajjiżi terzi;

10. Huwa mħasseb ħafna li l-baġit tal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) huwa parżjalment iffinanzjat minn pagamenti annwali tal-industrija tat-tabakk, kif imsemmi fil-ftehimiet tat-tabakk, minħabba li dan jista' jwassal għal ċertu kunflitt ta' interassi;

11. Jenfasizza li, meta ġie konkluż fl-2004, il-Ftehim PMI kien strument innovattiv fl-indirizzar tal-kummerċ illeċċi tat-tabakk, iżda jenfasizza li s-suq u l-ambjent regolatorju ġarrbu bidlet sostanzjali minn dak iż-żmien 1 hawn; jenfasizza li l-Ftehim ma jindirizzax karatteristiċi importanti tal-kummerċ illeċċi tat-tabakk tal-lum, b'mod partikolari l-proporzjon għolja tal-kummerċ li issa hija magħmula minn "cheap whites"; huwa tal-fehma, għaldaqstant, li l-elementi kollha koperti b'dan il-Ftehim PMI sejkun koperti b'qafas għuridiku ġdid magħmul mid-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk u l-Protokoll tad-WHO FCTC;

12. Jikkonkludi, għalhekk, li l-Ftehim PMI m'għandux jiġu mġedded, estiż jew innegozjat mill-ġdid; jitlob li l-Kummissjoni ma ġġeddu, ma testendihx u ma tinnegozjahx mill-ġdid lil hinn mid-data ta' skadenza attwali tiegħu;

13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex, fil-livell tal-UE u sad-data tal-iskadenza tal-Ftehim PMI, timplimenta l-miżuri kollha meħtieġa biex tittraċċa u tirrintraċċa l-prodotti tat-tabakk PMI, u tistitwixxi proċedimenti ġuridiċi għal kwalunkwe qbid illegali ta' prodotti ta' dan il-manifattur sakemm id-dispożizzjonijiet kollha tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk isiru infurzabbli bis-sħiħ, b'tali mod li ma jkun hemm l-ebda lakuna regolatorja bejn l-iskadenza tal-Ftehim PMI u d-dħul fis-sejjħ tad-Direttiva dwar il-Prodotti tat-Tabakk u l-FCTC;

14. Jitlob li PMI tkompli tapplika d-dispożizzjonijiet dwar it-traċċar u r-rintraċċar u dwar id-diliġenza dovuta ("kun af il-kljent tiegħek") li hemm fil-Ftehim tal-lum, indipendentement minn jekk dan jiġix estiż jew le;

15. Jesprimi tħassib li l-erba' ftehimiet ma' manifatturi tat-tabakk ma jittrattawx il-kwistjoni taċ-ċheap whites"; jitlob li l-Kummissjoni, għaldaqstant, tressaq pjan ta' azzjoni li jistabbilixxi miżuri ġoddha intiżi biex jindirizzaw din il-problema b'urġenza;

16. Jitlob li l-Kummissjoni tressaq regolament ġdid u addizzjonal li jistabbilixxi sistema indipendent ta' traċċar u rintraċċar u li tapplika dispożizzjonijiet ta' diliġenza dovuta ("kun af il-kljent tiegħek") għat-tabakk mhux ipproċessat, għall-filtri u għall-karti użati mill-industrija tat-tabakk, bħala strument addizzjonal fil-ġlied kontra l-kuntrabandu u l-prodotti ffalsifikati;

17. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk.